**Appell ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2013 minn Villeroy & Boch Austria GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fis-16 ta' Settembru 2013 fil-Kawżi magħquda T-373/10, T-374/10, T-382/10 u T-402/10, Villeroy & Boch Austria GmbH *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-626/13 P)**

(2014/C 39/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Appellanti:* Villeroy & Boch Austria GmbH (rappreżentanti: A Reidlinger u J. Weichbrodt, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Settembru 2013 fil-Kawżi magħquda T-373/10, T-374/10, T-382/10 u T-402/10, sa fejn din tiċħad ir-rikors fir-rigward tal-appellanti;

— sussidjarjament, tannulla parzjalment l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-konvenuta C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010 fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mis-sentenza appellata, sa fejn din tikkonċerna lill-appellanti;

— sussidjarjament, tnaqqas b'mod xieraq l-ammont tal-multa imposta kontra l-appellanti mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 2010;

— iktar sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni mill-ġdid;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

(1) Fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-eżistenza ta' allegat ksur fl-Awstrija huma vvizzjati bi żball ta' liġi. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali bbażat is-sentenza fuq konstatazzjonijiet u motivazzjonijiet li ma kinux is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata jew tal-ilmenti. Barra minn hekk, l-appellanti tikkontesta li diversi argumenti rilevanti mressqa minnha ma ttiħdux inkunsiderazzjoni jew ġew irrappreżentati skorrettament.

(2) Fil-kuntest tat-tieni aggravju, l-appellanti tallega li l-Qorti Ġenerali legalment ikkwalifikat diversi prattiki bi ksur uniku, kumpless u kontinwu (single complex and continuous infringement, iktar 'il quddiem "SCCI"), meta dawn il-prattiki kienu indipendenti kemm skont il-liġi kif ukoll skont il-fatti u li tali kwalifika ma kinitx iġġustifikata minħabba li l-prattiki kkunsidrati flimkien ma kinux komplementari. Fl-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali, skont l-appellanti, il-kunċett ġuridiku ta' SCCI jikser il-prinċipju ta' smigħ xieraq.

(3) Fil-kuntest tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fit-twettiq tal-hekk imsejħa "light review" u tallega li l-Qorti Ġenerali ma eżerċitatx korrettament il-kontroll tagħha u għalhekk ma żguratx l-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja stabbilit fid-dritt tal-Unjoni.

(4) Fil-kuntest tar-raba' aggravju, l-appellanti ssostni li l-multa ikkonfermata mill-Qorti Ġenerali hija fi kwalunkwe każ sproporzjonata. Fid-dawl tal-fatt li ċerti provi inkriminanti kienu annullati mill-Qorti Ġenerali u li provi oħra għandhom ukoll jiġu annullati minħabba motivazzjoni legali żbaljata, la tista' tiġi kkunsidrata bħala proporzjonata u lanqas bħala legali ż-żamma tas-sanzjoni legali massima imposta mill-Qorti Ġenerali (jiġifieri 10 % tad-dħul mill-bejgħ tal-grupp). Peress li l-parti l-kbira tal-fatti mressqa sabiex jiġġustifikaw il-ksur ma kinux validi, ma huwiex possibbli li jiġi kkunsidrat, fid-dawl tan-nuqqas manifest ta' prova u ta' rabta kawżali kif ukoll tan-natura mhux imputabbli tal-prattiki, li SCCI twettaq għal għaxar snin fir-rigward ta' 3 gruppi ta' prodotti f'6 pajjiżi differenti. Jekk ikun possibbli, jekk huwiex possibbli li jiġi kkunsidrat jekk ksur speċifiku twettaqx fuq livell lokali, tali ksur fl-ebda każ ma jiġġustifika l-gravità tas-sanzjoni imposta. Il-kawża inkwistjoni hija 'l bogħod milli tikkostitwixxi każ serju ħafna, li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni u għalhekk naqset milli serjament tikkunsidra l-kriterji ta' evalwazzjoni li għandha tinterpreta.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-2 ta' Diċembru 2013 — Proċeduri kriminali kontra Miguel M.**

**(Kawża C-627/13)**

(2014/C 39/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

## Partiji fil-kawża prinċipali

Miguel M.

## Domanda preliminari

Il-prodotti mediċinali kif iddefiniti mid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [1] , li fihom sustanzi kklassifikati msemmija fir-Regolamenti Nru 273/2004 [2] u Nru 111/2005 [3] , huma dejjem esklużi, skont l-Artikolu 2(a) ta' kull wieħed minn dawn ir-regolamenti, mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, jew dan huwa l-każ biss meta hemm lok li jiġi preżunt li l-prodotti mediċinali huma komposti b'tali mod li s-sustanzi kklassifikati la jistgħu jiġu sempliċement użati u lanqas estratti permezz ta' mezzi intiżi għall-implementazzjoni jew li huma ekonomikament vijabbli?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
(2) Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, dwar prekursuri tad-droga (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 46).
(3) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005, tat-22 ta' Diċembru 2005, li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU L 333M, p. 472).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fit-2 ta' Diċembru 2013 — Jean-Bernard Lafonta vs Autorité des marchés financiers

**(Kawża C-628/13)**

(2014/C 39/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Jean-Bernard Lafonta

*Konvenuta:* Autorité des marchés financiers

### Domanda preliminari

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) [1] u tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/124/KE, tat-22 ta' Diċembru 2003, li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni u l-iżvelar pubbliku tat-tagħrif minn ġewwa u d-definizzjoni tal-manipulazzjoni tas-swieq [2], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jistgħu jikkostitwixxu biss informazzjoni minn ġewwa ta' natura preċiża fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet dawk li huwa possibbli li jiġu dedotti, bi grad suffiċjenti ta' probabbiltà, li l-influwenza potenzjali tagħhom fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati tiġi eżerċitata f'sens speċifiku, ladarba dawn isiru pubbliċi?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 348.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul București (ir-Rumanija) fl-4 ta' Diċembru 2013 — SC ALKA CO SRL vs Autoritatea Națională a Vămilor — Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Constanța, Direcția Generală a Finanțelor Publice a Municipiului București

**(Kawża C-635/13)**

(2014/C 39/21)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Tribunalul București

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* SC ALKA CO SRL

*Konvenuta:* Autoritatea Națională a Vămilor — Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Constanța, Direcția Generală a Finanțelor Publice a Municipiului București

### Domandi preliminari

(1) Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra (ħaxix) fil-qoxra, intiża li tiġi sottomessa għal trattament termiku u mekkaniku sabiex tintuża għall-konsum mill-bniedem (bħala ikel li huwa snack) għandha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura tariffarja 1207 — subintestatura tariffarja 1207999710, jew taħt l-intestatura tariffarja 1209 — subintestatura tariffarja 1209919010 tan-nomenklatura magħquda tal-merkanzija?

(2) Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra (ħaxix) fil-qoxra, intiża li tiġi sottomessa għal trattament termiku u mekkaniku sabiex tintuża għall-konsum mill-bniedem (bħala ikel li huwa snack) għandha tiġi kklassifikata, skont in-noti ta' spjega għan-nomenklatura magħquda, taħt l-intestatura tariffarja 1207 — subintestatura tariffarja 1207999710 — jew taħt l-intestatura tariffarja 1209 — subintestatura tariffarja 1209919010?

(3) Jekk teżisti kuntradizzjoni bejn il-klassifikazzjoni tariffarja li tirriżulta mit-tariffa doganali komuni u dik li tirriżulta min-noti ta' spjega għal dak li jirrigwarda l-istess prodott (żerriegħa tal-qargħa ħamra — ħaxix — fil-qoxra), liema minn dawn il-klassifikazzjonijiet tariffarji japplikaw fil-każ ineżami?